# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

Vs

Mark Colombo (K.I. 322797 M)

Illum 15 ta' Novembru, 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mark Colombo ta' ghoxrin (20) sena, iben Emanuel u Denise xebba Gauci, imwieled Pieta', nhar il-21 ta' Awwissu 1997, residenti 24, Marame, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi u detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 322797M talli

Nhar id-29 ta' April 2018, għall-ħabta tal-11:00 ta' filghodu ġewwa l-grawnd tal-futbol f' Hal Qormi.

1. Mingħajr il-hsieb li toqtol jew tqiegħed il-ħajja ta' Doding Njongo Lobe Priso f' perikolu car, ikkagunajt ġrieħi ta' natura gravi, hekk kif iċċertifikat Dr Carina Debattista MD;
2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, qbist ċint, jew barriera li ddawwar il-pitch u dħalt fil-post fejn ikun qed isir il-logħob.

Wara li rat d-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni li jikkonsistu fic-ċertifikat tat-twield u l-fedina penali ta' l-imputat u d-dikjarazzjoni ta' rifjut għal parir legali minn naħa tal-imputat datata 4 ta' Mejju 2018; l-istqarrija tal-imputat meħuda fil-preżenza tal-Ispettur Kylie Borg, u PC 85 S. Briffa debitament iffirmata mill-imputat; ir-rapport tal-incident NPS 2/C/1258/2018; ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr Carina Debattista datat disgħa u għoxrin ta' April, tas-sena elfejn u tmintax (29.04.2018).

Wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2023 giet ippreżentata kopja oħra tac-charge b' korrezzjoni fil-karta tal-identita' tal-imputat [billi giet mizjuda l-ittra 'M']. Rat li l-prosekuzzjoni tippreċiża li l-artikolu qed tirreferi għalih huwa l-artikolu 216 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2023 l-ispettur Kyle Borg qrat l-akkużi bil-ġurament;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnha kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu bl-iktar mod solenni l-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkundannah għal piena li tista' jkun anke waħda karċerarja jew pieni oħra statutorji. Il-Qorti wara li tagħtu biżżejjed żmien sabiex anki' jikkonsulta mal-Avukat Difensur tiegħu biex jerġa tirrikonsidra t-tweġiba tiegħu tenna li li huwa ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Rat , l-Artikolu 216 (b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 5 u 9 tal-L.S. 10.33 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-każ.

Semghat it-Trattazzjoni.

Il-Qorti differiet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi il-każ jirrigwarda glieda li sehhet bejn diversi nies waqt loghba football ġewwa l-grawnd tal-football ta' Hal Qormi. L-imputat kien qed isegwi l-logħoba football meta seħħ l-akkadut li huwa akkużat taghhom f' dawn il-proċeduri.

L-imputat wieġeb li huwa ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. In vista ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-mputat u minnu ammessi fi stadju bikri tal-proċeduri. Rat il-fedina penali tal-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fid-dawl tax-xorta tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat u fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat, is-sorveljanza ta' l-imsemmi imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata il-possibilità li huwa jwettaq reati ulterjuri

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti għal każ, l-Artikolu 216 (b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 5 u 9 tal-L.S. 10.33 il-Qorti qed issib lill-imputat, anke fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tikkundannah għal fejn jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza u għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni qed tikkundannah għal multa ta' sittin ewro (€ 60.00).

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni

jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet għall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tingħata lill-istess imputat.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**